# Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet

## Magistrat Francesco Depasquale

**Seduta taʼ nhar l-Erbgha hamsa (5) taʼ Lulju 2017**

**Rikors Numru 24/84 FDP**

**Kummissarju ta' l-Art u, b'digriet tal-24 ta' Mejju 2017,
l-atti gew assunti mill-Awtorita tal-Artijiet**

**vs**

**Dr George Vassallo, Laura Refalo, PL Charles Vassallo, Dr Francis Xavier Vassallo, Mary Vassallo ghal kull interess li jista jkollha u Marie Vassallo; u b'digriet tat-8 ta' Gunju 1995, ghar-rigward l-PL Charles Vassallo, li miet fil-mori tal-kawza, il-gudizzju gie trasfruz fil-persuni ta' l-armla tieghu, Miriam, u uliedu, Rita, mart Ian Ellis, Lewis Vassallo u Henry Vassallo; u ghar-rigward Dr George Vassallo, li miet fil-mori tal-kawza, il-gudizzju gie trasfuz fuq l-armla tieghu, Margaret sive Hilda u uliedu l-avukat Dr Henry Vassallo, f'ismu u bhala prokuratur ta' huh John, imsiefer, Madelein mart Peter Vassallo u Anna mart Edward Baker; u b'digriet tat-3 ta' Marzu 1999, ghar-rigward Laura Refalo, li wkoll mietet fil-mori tal-kawza, il-gudizzju gie trasfuz fuq uliedha Mary mart Anthony Camilleri, Dr Michael Refalo u John Refalo; u b'digriet ta' l-1 ta' Awissu 2011, ghar-rigward Dr Francis Xavier Vassallo, li miet fil-mori tal-kawza, l-atti gew assunti minn Theresa Maria sive Mai Vassallo, armla ta' Dr Francis Xavier Vassallo u uliedu Alexandra mart it-tabib Norman Formosa, Jacqueline mart Paul Mercieca, Dr Henry sive Harry Vassallo, Mary mart il-perit Godwin Zammit, Gerrard Vassallo u Helen Louise mart it-tabib Anthony Fiorini; u b'digriet tal-21 ta' Dicembru 2015, wara il-mewt ta' Dr Michael Refalo, gew assunti l-atti tieghu minn l-armla Blanche Mary Refalo u uliedu Edward Refalo, Angela mart Christopher Borg, Nichola sive Nicola mart Anthony Paul Bernard u Christina mart Douglas Simpson; u b'digriet tal-21 ta' Dicembru 2015, wara il-mewt ta' Miriam Vassallo gew assunti l-atti taghha minn uliedha n-Nutar Dr Henri Vassallo, Rita mart Ian Ellis u Lewis Vassallo; u b'digriet tal-21 ta' Dicembru 2015, wara il-mewt ta' Theresa Maria sive Mae Vassallo gew assunti l-atti taghha minn uliedha minn uliedha Alexandra mart it-tabib Norman Formosa, Jacqueline mart Paul Mercieca, Dr Henru sive Harry Vassallo, Mary mart il-perit Godwin Zammit, Gerrard Vassallo u Helen Louise mart it-tabib Anthony Fiorini.**

Il-Bord:-

Ra ir-rikors ippresentat mill-Kummissarju ta' l-Art fit-18 ta' Ottubru 1984 fejn ippremetta illi l-intimati gew notifikati b'kopja ta' Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta datata 14 ta' Ottubru 1977 u l-Avviz ta' Ftehim datat 25 ta' Lulju 1984 fejn gew infurmati illi tlett bicciet art fis-Siggiewi, ossija (a) bicca art tal-kejl ta' <u>364</u> metri kwadri li tmiss minn Nofsinhar u Lbic ma' triq pubblika, mat-Tramuntana u Grigal ma' propjeta' ta' Dr George Vassallo u ohrajn, (b) bicca art tal-kejl ta' <u>263</u> metri kwadri li tmiss mill-Lvant ma' propjeta ta' Dr George Vassallo u ohrajn u mal-Punent u Majjistral ma' triq pubblika, u (c) bicca art, li tinkludi kamra rurali, hames griebeg u 2 spejjer b'mini, tal kejl ta' <u>147,946</u> metri kwadri, li tmiss mill-Grigal ma' triq pubblika, Lvant ma' propjeta ta' Lapsi Estates Limited, nofsinhar u l-Lbic ma' propjeta' ta' Dr George Vassallo u ohrajn kienu mehtiega ghal skopijiet pubblici u gew akkwistati b'titolu ta' xiri assolut u l-kumpens ghal tali xiri assolut bhala franka u libera u kienu qed joffru kumpens ta' disgha u ghoxrin Liri Maltin u tnax il-centezmu (Lm29.12), erbgha u tletin Liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm34.20) u tnax-il elf, mitejn u ghaxar Liri Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm12,210.68) rispettivament ghat-tlett bicciet art fuq indikati.

L-intimati Dr George Vassallo, Laura Refalo, il-PL Charles Vassallo, Marie Vassallo u Mary Vassallo kif ukoll Dr Frank Xavier Vassallo permezz ta' zewgt ittra ufficjali datati 22 ta' Awissu 1984 u 24 ta' Awissu 1984 rispettivament, ddikjaraw illi ma kienux qed jaccettaw il-kumpens stante fis 7 ta' Ottubru 1982 bieghu art tal-kejl ta' 29,000 metri kwadri mill-istess territorju maghruf bhala x-Xaghra tal-Gzira bil-prezz ta' Lm20,000 bhala art mhux fabrikabbli, liema art giet sussegwentement mibjugha mix-xerrejja lil terzi bi prezz wisq oghla, u ghalhekk s-somma offerta mir-rikorrent kien baxx u mhux mahdum fuq bazijiet legali.

Kien ghalhekk illi r-rikorrenti talab lill-Bord jordna lill-intimati biex jittraferixxu b'titolu ta' xiri assoluta bhala franka u libera l-art fuq imsemmija, jiffissa l-kumpens relattiv u jinnomina nutar biex jippubblika l-kuntratt f'data u hin stabbilit mill-Bord kif ukoll jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci, u dana skond id-disposizzjonjiet tal-Kap 88 (gia Kap 136).

Ra id-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta, Dr Anton Buttigieg, datata 14 ta' Ottubru 1977 (fol 7), in-Notifika ta' Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta datata 25 ta' Lulju 1984 (fol 6), l-Avviz tal-Ftehim datat 25 ta' Lulju 1984 (fol 3), l-istima tal-artijiet maghulha mill-Perit Francis Spiteri fid 9 ta' Awissu 1977 (fol 4), l-pjanta tal-art in kwistjoni (fol 5) u l-Ittri Ufficjali ta' l-intimati datati 22 ta' Awissu 1984 (fol 11) u 24 ta' Awissu 1984 (fol 8) rispettivament.

Ra kopja tal-kuntratt datat 7 ta' Ottubru 1982 esebit mil-intimati w imsemmi mill-istess intimati fid-difiza taghhom (fol 36).

Ra ix-xhieda ta' **Dr Frank Vassallo** moghtija fit 30 ta' Ottubru 1989. (fol 46)

Ra ix-xhieda tal-**Perit A Briffa** moghtija fil 15 ta' Jannar 1990. (fol 48)

Ra illi fid 29 ta' Marzu 1993 il-Bord gie mgharraf illi kienu ghaddejjin trattattivi bejn il-partijiet.

Ra illi fil 31 ta' Mejju 1995 gie ppresentat rikors ghat-trasfuzzjoni ta' l-atti tal-PL Charles Vassallo u Dr George Vassallo ghal fuq l-armla Miriam u t-tfal Rita mart Ian Ellis, Lewis Vassallo u Henri Vassallo u fuq l-armla Margaret sive Hilda u t-tfal l-avukat Dr Henry Vassallo, f'ismu u bhala prokuratur ta' huh John, imsiefer, Madelein mart Peter Vassallo u Anna mart Edward Baker, rispettivament li gie akkordat fit 8 ta' Gunju 1995. (fol 79).

Ra ix-xhieda tal-Prim Ministru ta' dak iz-zmien, **Dr Eddie Fenech Adami**, moghtija fid 9 ta' Ottubru 1995 (fol 98).

Ra ix-xhieda ta' **Richard Cachia Caruana**, moghtija fid-9 ta' Ottubru 1995 (fol 101) u ra il-korrispondenza minnu esebita, ossija ittra tal-Kummissarju tal-Artijiet lis-Segretarju Privat tal-Prim Ministru data 28 ta' Settembru 1992. (fol 104)

Ra ix-xhieda ulterjuri ta' **Dr Frank Vassallo** moghtija fit-23 ta' Jannar 1998. (fol 114)

Ra illi fis-26 ta' Frar 1999 gie ppresentat rikors ghat-trasfuzjoni tal-atti ta' Laura Refalo, wara il-mewt taghha, ghal fuq Mary mart Anthony Camilleri, Dr Michael Refalo u John Refalo, lkoll ulied ta' Laura Refalo, li gie akkordat fit 3 ta' Marzu 1999 (fol 121).

Ra illi fil-15 ta' Settembru 2000 il-Bord gie mgharraf illi Dr Francis Xavier Vassallo kien miet u kellha ssir il-legitimazzjoni tal-atti tieghu. (fol 131).

Ra illi fid-9 ta' Gunju 2003 ir-rikorrent ippresenta, permezz ta' nota, Avvizi Nru 362 u 363 tas-sena 2003 fejn, permezz ta' Dikjarazzjoni ta' l-Agent President ta' Malta datata 16 ta' April 2003 gew rilaxxjati a favur ta' l-intimat tlett porzjonijiet ta' art tal-qies ta' 16,390 metri kwadri, 92,916 metri kwadri u 26,216 metri kwadri rispettivament, kif ahjar deskritti fil-pjanta esebita ukoll mir-rikorrent a fol 143 tal-process.

Ra illi, fis-17 ta' Marzu 2011, wara serje interminabbli ta' differimenti mitluba mill-intimati bil-ghan illi l-kawza tigi ceduta stante diskussjonijiet dwar transazzjoni, sar rikors ghal-legitimazzjoni tal-atti ta' Dr Frank Xavier Vassallo minn Theresa Maria sive Mai Vassallo, armla ta' Dr Francis Xavier Vassallo u uliedu Alexandra mart it-tabib Norman Formosa, Jacqueline mart Paul Mercieca, Dr Henru sive Harry Vassallo, Mary mart il-perit Godwin Zammit, Gerrard Vassallo u Helen Louise mart it-tabib Anthony Fiorini, liema talba intlaqa fl-1 ta' April 2011.

Ra illi fil-15 ta' Lulju 2015, il-Bord kif kompost ha konjizzjoni ta' l-atti.

Ra illi fis-16 ta' Dicembru 2015, wara serje interminabbli ohra ta' differimenti ghal transazzjoni, sar rikors ta' legitimazzjoni tal-atti wara il-mewt ta' Dr Michael Refalo minn l-armla Blanche Mary Refalo u uliedu Edward Refalo, Angela mart Christopher Borg, Nichola sive Nicola mart Anthony Paul Bernard u Christina mart Douglas Simpson, liema talba intlaqat fil 21 ta' Dicembru 2015 (fol 201)

Ra illi fis-16 ta' Dicembru 2015 sar ukoll rikors ta' legitimazzjoni tal-atti wara il-mewt ta' Miriam Vassallo minn uliedha n-Nutar Dr Henri Vassallo, Rita mart Ian Ellis u Lewis Vassallo, liema talba intlaqghet fil 21 ta' Dicembru 2015. (fol 214)

Ra illi fis-16 ta' Dicembru 2015 sar ukoll rikors ta' legitimazzjoni tal-atti wara il-mewt ta' Theresa Maria sive Mae Vassallo minn uliedha Alexandra mart it-tabib Norman Formosa, Jacqueline mart Paul Mercieca, Dr Henru sive Harry Vassallo, Mary mart il-perit Godwin Zammit, Gerrard Vassallo u Helen Louise mart it-tabib Anthony Fiorini, liema talba intlaqghet fil 21 ta' Dicembru 2015. (fol 225)

Ra illi, fit 8 ta' Gunju 2016, il-partijiet fil-kawza ippresentaw nota konguntiva illi qabblu li, wara r-rilaxx ta' parti minn l-artijiet originalment mehudha, l-art illi ghadha fil-pussess tar-rikorrent u li ghalhekk ghandu jinghata kumpens dwaru huwa s-segwenti (fol 236):

- Plot 2 tal-kejl ta' 364 metri kwadri
- Plot 3 tal-kejl ta' 263 metri kwadri
- Plot 4 tal-kejl ta' 29,574 metri kwadri

Ra illi dawna l-artijiet gew indikati mill-partijiet konguntivament permezz ta' pjanta esebita a fol 238 tal-process.

Ra illi fit-12 ta' Ottubru 2016 l-intimati ppresentaw stima tal-Perit Gerald Debono datata 10 ta' Ottubru 2016 (fol 242)

Ra illi fit 12 ta' Ottubru 2016 il-Bord appunta lill-Periti Alan Saliba u Elena Borg Costanzi sabiex jassistuh u jaghmlu r-rapport taghhom.

Ra illi fit 22 ta' Novembru 2015 l-Membri Teknici ppresentaw ir-rapport taghhom.

Ra illi fit 18 ta' Jannar 2017 il-Bord iddikjara il-provi kollha, inkluz il-provi ta' l-intimat, bhala maghluqa u differixxa l-kaz ghas-sottomissjonjiet bil-miktub.

Ra is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensur tar-rikorrent ippresentati fl-1 ta' Marzu 2017.

Ra is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensur ta' l-intimati ippresentati fl-24 ta' Mejju 2017.

Ra illi fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2017 il-Bord laqa t-talba tar-rikorrent illi l-atti odjerni tal-Kummissarju tal-Art jigu assunti mill-Awtorita tal-Artijiet stabbilita a tenur ta' l-Kap 563 tal-Ligjiet ta' Malta intitolat Att Dwar l-Awtorita' Tal-Artijiet,

Ra illi, stante illi s-sidien ma' talbux illi l-proceduri odjerni jigu decizi skond id-disposizzjoni tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta intitolat Att Dwar Artijiet tal-Gvern illi dahal in vigore fil-25 ta' April 2017, a tenur ta' l-Artikolu 78 ta' l-istess Kap 573 il-proceduri odjerni "*ghandhom jkunu regolati bil-ligijiet sostantivi li kienu fis-sehh qabel il-bidu fis-sehh*" tal-Att 573, jigifieri a tenur ta Ordinanza Dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal-Skopijiet Pubblici (Kap 88).

Ra illi fl-24 ta' Mejju 2017 il-kawza, wara illi kienet li nbdiet ftit anqas minn hamsa u tletin (35) sena qabel, thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidra**

Jirrizulta illi fl-14 ta' Ottubru 1977, giet pubblikata Dikarazzjoni mill-President ta' Malta datata 7 ta' Novembru 1975 in rigward ta' varji bicciet art gewwa s-Siggiewi, fiz-zona ta' Ghar Lapsi, fosthom tlett bicciet art, ossija (a) bicca art tal-kejl ta' 364 metri kwadri li tmiss minn Nofsinhar u Lbic ma' triq pubblika, mat-Tramuntana u Grigal ma' propjeta' ta' Dr George Vassallo u ohrajn, (b) bicca art tal-kejl ta' 263 metri kwadri li tmiss mill-Lvant ma' propjeta ta' Dr George Vassallo u ohrajn u mal-Punent u Majjistral ma' triq pubblika, u (c) bicca art, li tinkludi kamra rurali, hames griebeg u 2 spejjer b'mini, tal kejl ta' 147,946 metri kwadri, li tmiss mill-Grigal ma' triq pubblika, Lvant ma' propjeta ta' Lapsi Estates Limited, nofsinhar u l-Lbic ma' propjeta' ta' Dr George Vassallo u ohrajn, fejn gie dikjarat illi dawna l-artijiet kienu mehtiega ghal skopijiet pubblici u gew akkwistati b'titolu ta' xiri assolut. (fol 7)

Jirrizulta illi fil-25 ta' Lulju 1984 intbghatet Notifika ta' Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta u l-Avviz ta' Ftehim fejn l-intimati gew mgharrfa bil-fuq imsemmija Dikjarazzjoni u illi kien qed jigi lilhom offrut kumpens ta' disgha u ghoxrin Liri Maltin u tnax il-centezmu (Lm29.12), erbgha u tletin Liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm34.20) u tnax-il elf, mitejn u ghaxar Liri Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm12,210.68) rispettivament ghat-tlett bicciet art fuq indikati.

Jirrizulta illi permezz ta' zewgt ittra ufficjali datati 22 ta' Awissu 1984 u 24 ta' Awissu 1984, l-intimati Dr George Vassallo, Laura Refalo, il-PL Charles Vassallo, Marie Vassallo u Mary Vassallo kif ukoll Dr Frank Xavier Vassallo rispettivament, ddikjaraw illi ma kienux qed jaccettaw il-kumpens stante fis 7 ta' Ottubru 1982 bieghu art tal-kejl ta' 29,000 metri kwadri mill-istess territorju maghruf bhala x-Xaghra tal-Gzira bil-prezz ta' Lm20,000 bhala art mhux fabrikabbli, liema art giet sussegwentement mibjugha mix-xerrejja lil terzi bi prezz wisq oghla, u ghalhekk s-somma offerta mir-rikorrent kien baxx u mhux mahdum fuq bazijiet legali.

Jirrizulta illi fis-16 ta' April 2003, permezz ta' Dikjarazzjoni ta' l-Agent President ta' Malta ppubblikati permezz ta' Avvizi Nru 362 u 363 tas-sena 2003, gew rilaxxjati a favur ta' l-intimat tlett porzjonijiet ta' art tal-qies ta' 16,390 metri kwadri, 92,916 metri kwadri u 26,216 metri kwadri rispettivament, kif ahjar deskritti fil-pjanta esebita ukoll mir-rikorrent a fol 143 tal-process.

Jirrizulta illi, permezz ta' nota konguntiva tal-partijiet ippresentata fit-8 ta' Gunju 2016, kien hemm qbil bejn il-partijiet fil-kawza illi, wara r-rilaxx ta' parti minn l-artijiet originalment mehudha, l-art illi ghadha fil-pussess tar-rikorrent u li ghalhekk ghandu jinghata kumpens dwaru huwa s-segwenti (fol 236):

- Plot 2 tal-kejl ta' 364 metri kwadri
- Plot 3 tal-kejl ta' 263 metri kwadri
- Plot 4 tal-kejl ta' 29,574 metri kwadri

Jirrizulta illi l-**Periti Elena Borg Costanzi** u **Alan Saliba**, li gew appuntati sabiex jassistu l-Bord fit 12 ta' Ottubru 2016, wara illi ghamlu access fl 14 ta' Novembru 2016, ippresentaw ir-rapport taghhom fit 22 ta' Novembru 2016.

Jirrizulta illi l-Periti Membri ghamlu s-segwenti osservazzjonijiet:

> *"PUNT 1 - KWALITA TAL-ART: Il-porzjonijiet 2 u 3 ittiehdu ghat-twessiegh tat-triq li taghti ghal Ghar Lapsi filwaqt li l-art 4C ittiehdet ghal parti mill-kumpless ta' Ghar Lapsi Reverse Osmosis Plant u ghat-trejqa li taghti ghall-istess impjant mill-istess triq li taghti ghal Ghar Lapsi. Mhux kontestat li dawn it-tlett porzjonijiet kollha jikkwalifikaw bhala art Agrikola ghalkemm qed jittiehed qies illi fuq l-art 4C kien hemm zewg spejjer b'mini. Billi bl-esproprijazzjoni tat-trejqa msemmija li taghti ghall-impjant, l-art rimanenti mill-porzjon numru 4 tal-intimati inqasmet fi tnejn, qed tigi kkunsidrata wkoll il-hsara li bata s-sid minnabba l-firda fl-art tieghu b'dan it-tehid fit-termini ta' Artikolu 27(1 )(b)(iii) tal- Ordinanza.*
>
> *PUNT 2 - DATA TAL-ISTIMA: Skont Artikolu 27(1 )(b)(i) tal-Ordinanza, il-valur tal-art ghandu jitqies bhala l-valur fid-data tan-notifika tad-Dikjarazzjoni tal-President, li mhux kontestat li f'dan il-kaz hija s-sena 1984.*
>
> *PUNT 3 – STIMI: L-esponenti Membri Teknici kkunsidraw dan kollu, il-lokalita u kif ukoll id-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza u bhala rizultat huma tal-opinjoni gust li dawn l-artijiet kienu jgibu fis-suq kieku gew mibjugna bnala liberi u franki minn sidhom volontarjament fis-sena 1984, ikkunsidrati bnala Agrikoli jammonta kif gej:*
>
> *A: Porzjon numru 2 tal-kejl ta' 364 metri kwadri, fl-ammont ta' hames mija u sitta u erbghin Euro (€546.00) ekwivalenti ghal €1.50 kull metru kwadru.*

*B. Porzjon numru 3 tal-kejl ta' 263 metri kwadri, fl-ammont ta' tlett mija u erbgha u disghin Euro u hamsin centezmi (€394.50) ekwivalenti ghal €1.50 kull metru kwadru.*

*C. Porzjon numru 4C b'zewg spejjer u mini tal-kejl ta' 28,814 metri kwadri, fl-ammont ta' sebgha u hamsin elf, sitt mijua u tmienja u ghoxrin Euro (€57,628) ekwivalenti ghal €2.00 kull metru kwadru.*

Jirrizulta illi fil-periodu moghti minn dana il-Bord ghad-domandi in eskussjoni, dawna ma sarux.

Jirrizulta illi, wara li qies id-dokumentazzjoni kollha ppresentata quddiem il-Bord tul il hamsa u tletin sena illi ilha pendenti dina l-kawza w il-konsiderazzjonijiet tal-abbli membri Teknici tal-Bord, dana il-Bord ma jara ebda raguni ghalhiex ma ghandhux iqies bhala tieghu l-konkluzjonijet originali ta’ l-abbli Esperti Teknici tal-Bord fl-ottika tal-limitazzjonijiet imposti fuqu bil-Ligi.

**Ikkunsidra**

Il-Bord, ghalhekk,  jasal ghas-segwenti konkluzjonijet:

- L-art ghandha titqies bhala art agrikola.
- Id-data tat-tehid tal-pussess ta’ l-art ghandu jitqies illi huwa it-28 ta’ Ottubru 1977, ossija gimghatejn wara id-Dikjarazzjoni tal-President ta’ Malta datata 14 ta’ Ottubru 1977.
- Il-kumpens xieraq ghax-xiri assolut bhala franka u libera tat-tlett bicciet art meritu tal-kawza odjerna kif hawn deskritti, kif gej:
    - A: Porzjon numru 2 tal-kejl ta' 364 metri kwadri, fl-ammont ta’ hames mija u sitta u erbghin Euro (€546.00) ekwivalenti ghal €1.50 kull metru kwadru.
    - B. Porzjon numru 3 tal-kejl ta' 263 metri kwadri, fl-ammont ta' tlett mija u erbgha u disghin Euro u hamsin centezmi (€394.50) ekwivalenti ghal €1.50 kull metru kwadru.
    - C. Porzjon numru 4C b'zewg spejjer u mini tal-kejl ta' 28,814 metri kwadri, fl-ammont ta' sebgha u hamsin elf, sitt mijua u tmienja u ghoxrin Euro (€57,628) ekwivalenti ghal €2.00 kull metru kwadru.
- L-imghax ghandu jiddekorri mit-28 ta’ Ottubru 1977.

**Konkluzjoni**

Il-Bord,

Wara illi ra il-provi kollha prodotti quddiemu,

Jghaddi biex jaqta’ u jiddeciedi dina l-vertenza billi

**Jilqa** t-talbiet tar-rikorrenti u

**Jordna** lill-intimati kif deskritti fl-avviz jittrasferixxu bhala liberu u frank b'titolu ta' xiri assolut tlett bicciet art f'Siggiewi ossija Plot 2 ta' cirka 364 metri kwadri, Plot 3 ta' cirka 263 metri kwadri u Plot 4C ta' cirka 28,814metri kwadri, liema tlett plots jidhru indikati fil-pjanta ppresentata konguntivament mill-partijiet a fol 238 tal-process u

**Jordna** lill-Awtorita tal-Artijiet sabiex ihallas kumpens lill-intimati kif deskritti fl-avviz is-somma ta' hames mija u sitta u erbghin Euro (€546.00) ekwivalenti ghal €1.50 kull metru kwadru ghall-Porzjon numru 2 tal-kejl ta' 364 metri kwadri, is-somma ta' tlett mija u erbgha u disghin Euro u hamsin centezmi (€394.50) ekwivalenti ghal €1.50 kull metru kwadru ghal Porzjon numru 3 tal-kejl ta' 263 metri kwadri u is-somma ta' sebgha u hamsin elf, sitt mija u tmienja u ghoxrin Euro (€57,628) ekwivalenti ghal €2.00 kull metru kwadru ghall-Porzjon numru 4C b'zewg spejjer u mini tal-kejl ta' 28,814 metri kwadri, li jaghmlu total ta' **tmienja u hamsin elf, hames mkija u tmienja u sittin Euro u hamsin centezmu (€58,568.50)**, oltre l-imghax lilhom spettanti a tenur ta' l-Artikolu 12 (3) tal-Kap 88 fejn ghandu jigi puntwalizzat illi l-Awtorita tal-Artijiet hadet pussess ta' l-art in kwistjoni fil 28 ta' Ottubru 1977.

**Jahtar** lin-Nutar tad-Dipartiment bhala Nutar tar-rikorrenti biex jippubblika l-att fil 5 ta' Ottubru 2017 fl-ufficju tar-rikorrenti u

**Jahtar** lill Dr Tanya Sammut Catania biex jidher fuq l-att ghall-eventwali kontumacja.

Ir-rikorrenti ghandu jgharraf lill Dr Tanya Sammut Catania tal-hatra taghhom bil-miktub.

In vista tat-trapass esagerat ta'zmien mid-data ta' tehid sa llum, l-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-Awtorita tal-Artijiet.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur